MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 414/2013

**Blokrete Limited C263**

**vs**

**Dgheena Ismail Hussein ID 417795M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-Socjeta' Attrici qed titlob minghand il-Konvenut is-somma bilancjali ta' elf, erba' mija, hamsa u tlettin Ewro (€1,435.00c) ghal materjal lilu konsenjat skond Dok A mal-AVVIZ.

B'RISPOSTA l-Konvenut qal li l-materjal imsemmi gie mixtri minnu in konnessjoni ma appalt li kien inghata minn certu Oswald Camilleri, liema apalt gie kompletat izda l-Konvenut ma thallasx minghand Camilleri li fl-interess tieghu biss kien inxtara l-materjal imsemmi. Ghalhekk hemm lok ghas-sejha fil-kawza ta' Oswald Camilleri.

Talba formali ghas-sejha fil-kawza saret fl-udjenza tal-24 ta' Frar 2015. Din it-Talba giet opposta mis-Socjeta' Attrici ghax bejnha u Oswald Camilleri m'hemmx relazzjoni guridika ghax hi dejjem ittrattat mal-Intimat. It-Tribunal **<u>cahad it-talba</u>** (*fol* 25).

Fl-udjenza tas-7 ta' April 2015 (*fol* 27) talab korrezzjoni fir-RISPOSTA billi jitnehhew il-kliem "il-materjal ghal liema qed jintalab il-hlas" u jitqiedu l-kliem "fis-sena 2006".

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu siltiet biss mill-provi li izda jigi kunsidrati kulma tressaq quddiem it-TRIBUNAL inkluzi d-dokumenti esibiti.

2. **Joseph Fenech**, direttur tas-Socjeta' Attrici, ikkonferma l-*invoice* datat 27/5/2013 (*a fol* 3). Din giet mahruga minn Martin Grasso, li jmexxi l-*front office*. Kollha oggetti manifatturat minnhom. Il-klijent ikun gie diversi drabi izda johrog kont wiehed. Il-*quantum* mitlub fl-AVVIZ mhux imhallas. Il-Konvenut klijent regolari taghhom.

3. In kontro-ezami qal li l-ordnijiet jittiehdu b'telefonata, email jew billi min jordna jmur l-ufficcju. Issir konsenja skont in-natura tax-xoghol. Johorgu *statement* ta' kull xahar lil klijenti kbar li jkollhom ammont sostanzjali ta' flus. Mhux minnu li kull klijent ihallas qabel issir il-konsenja. Hawn spjega kif igibu ruhhom skond il-klijent (ara xhieda *a fol* 29/30).

4. Il-**Konvenut** qal li hu Sirjan u mas-Socjeta' Attrici kellu x'jaqsam mill-5 ta' Marzu 2006 sas-26 ta' Dicembru 2006 meta kellu kuntratt ma Oswald Camilleri u xtara minghand is-Socjeta'. Dwar dan esebitxxa l-pjanta dok OC1 (*fol* 39).

5. Meta kien icempel lis-Socjeta' Attrici kien jurihom il-permess tal-Kunsill u jhallas dak il-hin stess. L-ahhar li ordna minghandhom kien fis-26 ta' Dicembru 2006 u hallas. Spjega kif ghal ragunijiet politici kellu jkun is-Sirja mhux aktar tard mill-31/12/2006 u gie lura Malta fil-5/11/2007 wara li fis-Sirja kien il-habs (mnejn gie lura marid). Hu esibixxa ghadd ta' dokumenti Dok OC sa OC5 (*fol*33/39) inklus id-dok OC5 li juri li *status* tieghu mal-ETC.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL jibda biex jippreciza li hu jrid jasal ghad-decizjonijiet tieghu skond il-provi mressqa quddiemu li jkunu mwiezna kif inhu xieraq *in civilibus*. Qies ukoll is-sottomissjoni tad-difensuri.

2. Is-Socjeta' Attrici ressqet bhala xhud lid-direttur Joseph Fenech li qal li l-*invoices* ma johroghomx hu; lill-Konvenut jekk rah xi darba imma qatt ma nnegozja mieghu. L-*invoice* li in bazi taghha saret il-kawza harget minn Martin Grasso tal-*front office* izda dan ma ttellax bhala xhud ghax skond

Joseph Fenech jinsab indispost fit-tul u mhux f'posizzjoni li jitla l-qorti (verbal *a fol* 28 fl-udjenza tas-7/4/2015).

3. L-*invoice a fol* 3 hu datat 27.07.13. Isemmi *items* u xejn izjed. Issa fix-xhieda tieghu Joseph Fenech qal li m'ghandhomx procedura *standard* dwar hrug ta' *invoices*, kif u meta jsir il-hlas. Jiddependi mir-relazzjoni mal-klijent li jkun, apparti li fil-kas ta' klijenti kbar jintbaghat *statement* kull xahar.

4. Minn naha tal-Konvenut, fir-RISPOSTA l-ewwel ma qal li dak il-materjal tad-Dok A kien ghal certu Oswald Camilleri, dan ma hallsux tax-xoghol esegwit mill-Konvenut u talab is-sejha fil-kawza ta' Camilleri – talba li giet michuda. Wara dan talab korrezzjoni (precizazzjoni) fl-AVVIZ biex jinghad li l-materjal in kwistjoni kien dak konsenjat fis-sena 2006.

5. Meta xehed, il-Konvenut semma kif sal-31/12/2006 kellu (ghal ragunijiet politici) jkun is-Sirja u gie lura Malta fil-25/11/2008 u ma hadimx ghax gie Malta marid. Qal li x-xoghol li saret riferenza ghalih fl-AVVIZ kien ghal Oswald Camilleri u fir-rigward esibixxa ricevuta (*fol* 92) datata 16.02.2006 firmata ghal Blockrete Ltd.

6. In definitiva t-TRIBUNAL ihoss li s-Socjeta' Attrici ma ressqitx provi bizzejjed, anqas *on the basis of probabilities* biex tiggustifika u tipprova t-TALBA taghha.

IV DECIZJONI

Meqjus dak kollu migjub hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** it-TALBA Attrici ghax ma gietx pruvata u, fic-cirkostanzi (2) **jaqta** u **jiddeciedi** li, dwar spejjes, din ghandha tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------